MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Numru. 617/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Redent Compagno ta' 16 il-sena iben Carmel u Mary xebba Vella, mwieled gewwa l-Pieta` fis-17 ta' Gunju 1995, u residenti gewwa fond numru 15, Block C, Triq Sofija, Bormbla u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 254295(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront li gie akkuzat talli f'xi hin bejn is-07 u t-08 ta' Frar, 2012 minn gewwa Dar San Guzepp sitwata gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera:

1. Ikkommetta serq ta' 'Credit Card' mahruga f'isem Lawrence Ronayne ghad-detriment tal-istess Lawrence

Ronayne, il-Bank HSBC u/jew ta' persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok u bil-persuna.

2. Talli f'xi hin matul il-gurnata tat-08 ta' Frar 2012, mill-ATM tal-Bank of Valletta sitwata gewwa Santa Venera, ikkommetta serq ta' tlitt mija w hamsin euro (€350) ghad-detriment ta' Lawrence Ronayne, il-Bank HSBC u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disa' u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, il-fatt illi l-imputat hallas kwazi l-ammont kollu mehud mill-parte leza, izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat kien ghadu taht l-eta fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat u ghandu bzonn gwida f'hajtu sabiex ma jaqbadx it-triq tad-delinkwenza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270 u 37tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu

izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zimen tlett snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas lil Lawrence Ronayne is-somma ta' hamsin euro (€50) u dan fi zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------